# NHAR SAN DUMINKU TAL-BIRGU

**31 TA' AWISSU 1952**

Ta' Val. V. Barbara, o.p.

Doqqu, ja qniepen, xerrdu l-għanja kbira
God-djar, fit-toroq ta' dil-Belt Rebbieħa;
Infetħu, bnadar, fuq il-bjut maż-żiffa,
Habbru mill-għoli das-sigħat ferrieħa.

Jurch xofftejna jekk aħniex ferħana,
Jixhduh għajnejna jekk aħniex henjin,
Tħabbat f'sidirna qalbna u trid li toħroġ
Biex tfisser lil kulħadd aħniex kburin.

F'torċi ta' nhar ta' mħabba dlonk jitkebbes
Il-għadam niexef ta' min ħabb u stenna
Għalxejn, jaħasra! u ntefa bi tneħida
Bix-xewqa f'qalbu ta' dal-jum tal-ġenna.

Spirtu bla sabar, għal tlettax-il sena
Midfun fil-ħerba tal-Lunzjata tagħna,
Joħroġ ferħan u jħares kburi lejna,
L-erlied li l-biki u d-dmugħ kabbar setgħana.

B'leħen ta' glorja liż-żgħar tagħna jtenni
Il-għanja ta' l-imgħoddi qatt minsija,
U jfewweġ xtara f'demmhom sħun li jbaqbaq,
Li wirtu minn qlub kbar il-lum mitfija.

U l-għanja mġedda toħroġ għal darb'oħra
B'ilħna qawwija bħal mewġiet ġgantin,
Tħeġġeġ il-qlub tal-kotra l-Alleluja
Tal-"Kalaroga" b'għaxqa u ferħ safjin.

Missier Qaddis, Genna ta' l-art, oh! fl-aħħar
Fejjaqt l-uġigħ li l-aħħar gwerra tatna,
Irġajt feġġejt bħall-kewkba ta' fuq ġbinek,
Irġajt għaddej minn fostna, minn triqatna.

Missier il-Martri, id-demm li xerrdu qlubna
Fil-ħin tal-hemm, ħalli f'dal-jiem ta' sebħ
Jixgħel bħal żejt quddiemek, waqt li b'qima
F'riġlejk inqiegħdu l-palm aħdar tar-rebħ.